MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## GRIMA EDWINA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1755/2002

***Mobisle Communications Limited***

***vs***

***Nadine Theuma***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Lulju, 2002, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u ghoxrin liri Maltin (Lm420) rappresentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta ghal merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lilha fuq inkarigu taghha stess u dana f'Jannar 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' April 2002 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat

kontestwalment ma’ l-avviz u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Nikolai Muscat Farrugia ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u ghoxrin liri Maltin (Lm420), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-23 ta’ April 2002, kif ukoll tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**